# RIZOLUZZJONI DWAR TRASFERIMENT TA' PROPRJETA'

**IS-SEGRETARJU PARLAMENTARI RESPONSABBLI MILL-IPPJANAR U S-SIMPLIFIKAZZJONI AMMINISTRATTIVA FL-UFFICCJU TAL-PRIM MNISTRU** jipproponi l-Kamra tad-Deputati tapprova din-Rizoluzzjoni:-

Billi hija l-politika tal-Gvern li jippromwovi attivitajiet filantropici u socjo u/jew storici-kulturali, il-Gvern qieghed jiddisponi b'titolu ta' enfitewsi temporanja a favur il-Ven. Socjeta' Dun Filippu Borgia, Birkirkara '*Ad Jura Populi Heleniani Servanda*' ghal perjodu ta' tletin (30) sena l-fond li jgib in-numri ufficcjali erbatax (14) u sittax (16) gia hamsa u erbghin (45) u sitta u erbghin (46), fi Pjazza Santa Liena, Birkirkara.

Illi dan il-fond ser jintuza unikament u eskussivament ghall-skopijiet filantropici u ghall-iskopijiet illi s-Socjeta' ghandha imnizzla fl-istatut taghha.

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (d) tas-sub-artikolu (1) tal-artikolu 3 tal-Att dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern (Kapitolu 268), li proprjeta' li tkun proprjeta' tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita skond rizoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-waqt tat-trasferiment;

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li proprjeta ossia l-fond li jgib in-numri ufficcjali erbatax (14) u sittax (16) gia hamsa u erbghain (45) u sitta u erbghin (46), fi Pjazza Santa Liena, Birkirkara, kif deskritt aħjar fl-abbozz tal-kuntratt li jinsab imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, jiġu mogħti b'titolu ta' enfitewsi temporanja ghal perjodu ta' tletin (30) sena dekorribbli mid-data tal-att a favur il-Ven. Socjeta' Dun Filippu Borgia, Birkirkara '*Ad Jura Populi Heleniani Servanda*' għall-iskop, u skond il-pattijiet u l-kundizzjonijiet imsemmija fl-istess abbozz.

**SEGRETARJU PARLAMENTARI RESPONSABBLI MILL-IPPJANAR U SIMPLIFIKAZZJONI AMMINISTRATTIVA FL-UFFICCJU TAL-PRIM MINISTRU**